**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 006/2019

9 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

James Cauchi - Kunsillier

### ASSENTI:

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

**06.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

06.1.1 Is-Sindku qrat e-mail mibghuta mill-Kunsillier James Cauchi li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkunsidra l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduta tal-Kunsillier Cauchi ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

**06.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

06.2.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**06.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

06.3.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**06.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

06.4.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**06.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

06.5.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**06.6 Mozzjonijiet**

06.6.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**6.7 Mili ta' postijiet vakanti**

6.7.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**6.8 Sejhiet ghall-Offerti**

6.8.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

**6.9 Pjan ta' hidma**

6.9.1 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-Seduta ( Seduta numru 5)

## 6.10 Milied 2019

6.10.1 Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Johann Scerri sabiex jaggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kien qiegħed jagħmel b'konnessjoni ma' attivita' li kienet qiegħda tigi proposta li tittella' ghal zmien il-Milied. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Scerri kelli jibqa' jikkordina l-attivita' u jinforma lill-Kunsill Lokali b'eventwali zviluppi.

6.10.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif sehh fis-snin imghoddija il-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni dwar jekk kellux jigi armat dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied. Fir-rigward, is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Vici-Sindku kien avvicinaha u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi minflok numru ta' toroq jigu mwahhla festuni mat-toroq kollha tal-lokalita'. F'toroq aktar frekwentati imbaghad kellhom jintramaw disinji li joperaw bid-dawl. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghax-xoghol imsemmi bl-istess Kunsill Lokali jaqbel illi l-ispiza ma kelliex teccedi it-tmint elef ewro (VAT inkluz).

## 6.11 Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali

6.11.1 Is-Sindku qalet illi wara li kienet tkellmet mal-Vici-Sindku kienet qieghda tipproponi illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb illi fuq il-bejt tal-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali jerga' jigi installat arblu. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, wara li kienet tkellmet mas-Segretarju Ezekuttiv, kien irrizulta illi kien hemm il-htiega illi jsir membrane mill-gdid fuq is-saqaf tal-istess binja amministrativa u tinbidel opramorta minhabba gebel li kien fi stat perikoluz. Filwaqt li kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kien hemm il-htiega li jsir ix-xoghol, gie deciz illi kellu jsir kuntatt mal-perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi jinkiseb parir tekniku dwar kif kellu jipprocedi l-Kunsill Lokali.

## 6.12 Rapporti

6.12.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet mill-Ministeru ghat-turizmu liema korrispondenza kienet tikkoncerna applikazzjoni ghall-European *Destinations of Excellence*.
- Kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha ma' 4Sight bil-ghan illi tigi diskussa f'dettall proposta ta' kollaborazzjoni f'serje televiziva li kienet ser tixxandar fuq l-istazzjon nazzjonali.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinxtara kanna li l-ispiza taghha kienet mija u hamsa u ghoxrin ewro bil-ghan illi tizdied ma' arblu li kien hemm fi Triq l-Immakulata.
- Gie deciz illi ma kelliex tigi milqugha proposta ta' attivita' bl-isem ta' 'Young Warriors', liema attivita' giet proposta minn kumpanija privata.

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri zewg batteriji ghal UHF radios u UHF Radio gdid minghand Aercomms. L-ispiza totali kienet tammonta ghal prezz ta' mitejn u hdax il-ewro.
- Wara li ngabru l-istimi minghand erba' kumpaniji, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri zegha ghal sinjali tat-toroq minghand il-kumpanija S&R Handaq Ltd.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba li kienet waslet sabiex jinqala temporanjament bollard li kien hemm fi Sqaq l-Erwieh. Il-klijent li ghamel it-talba kellu pero' jiehu hsieb illi tigi installata removable bollard.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi fuq proposta tas-Sindku, tigi installata bollard f'parti minn Triq Hanover bil-ghan illi tigi ratifikata sitwazzjoni ta' parkegg abuziv.
- Il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda aoggezzjoni ghal talba li kienet tressqet mis-sorijiet ta' Mother Theresa sabiex issir un/loading bay fi Triq San Pawl. Fir-rigward kellha tintbaghat applikazzjoni lil Transport Malta.
- Kien hemm qbil illi kemm il-darba jkun possibbli kellha tigi milqugha talba li kien ressaq resident sabiex jitwahhal *litter bin* fi Triq San Gorg kantuniera ma' Triq il-Gendus.
- Minhabba n-natura tat-triq in-kwistjoni, ma kienx possibbli ili ssir rampa quddiem il-klabb Cospicua Dynamos.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet mid-direttorat ghad-Drittijiet Umani u l-Integrazzjoni liema korrispondenza kienet tikkoncerna *Local Integration Charter*.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kien gie ffirmat mandat sabiex l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali tkun tista' tinnegozja f'isem il-Kunsill Lokali sistema ta' permessi online.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri kopja ta' ktieb li kien gie ppublikat dwar Charles Clews. Il-ktieb kien jiswa hamsa u ghoxrin ewro.
- Kien hemm qbil illi ma kellhiex tigi miqlugha talba biex jinqalghu zewg bankijiet li kien hemm fi Triq San Mikiel . Minflok kellha tingibed l-attenzjoni tal-pulizija dwar allegati abbuzi li kien qieghed ikun hemm.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni sabiex jinhargu permessi bil-ghan illi jittella fil-loaklita' l-Annual Malta Canoe Polo bejn l-1 u t-3 ta' Novembru 2019. Fir-rigward kellha tintbaghat e-mail lill-organizzaturi bil-ghan illi jigu diskussi materji logistici.
- Kellha tigi milqugha proposta li kien baghat il-Kunsillier Martin Vella sabiex fi Triq l-Oratorju (il-parti d-dejqa) titnehha parking bay u minflokha isiru zewg motorcycle bays.
- Kellha tigi milqugha talba minn resident sabiex titbaxxa bankina f'parti minn Triq San Gwann bil-ghan illi l-istess resident ikollu access bil-vettura ghal garaxx li kien hemm.

6.12.2 Is-Sur Marco Agius ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima li kienet ingabret mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali ghax-xiri ta' bandiera bil-ghan illi l-istes bandiera tkun tista' tittella' ma' arblu li kien ser isir fi Triq l-Immakulata. L-istima

msemmija kienet ta' Ewro 1750 (VAT inkluz). Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellhom jinkisbu zewg stimi ohra u tigi ordnata bandiera minghand l-orhos offerent.

**6.13 Small Grants Scheme for Urban Local Councils – Norwegian Financial Mechanism 2014-2020.**

6.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie mhabbar illi kienet ser tinhareg skema li ghaliha kienu ser ikunu eligibbli tnax il-Kunsill Lokali taht il-mekkanizmu Norway Grants 2014-2020. Is-Sindku ziedet tghid illi l-mizuri kienet ser tkun qieghda tiffoka fuq aspetti socjali u infrastrutturali. B'konnessjoni mal-istess skema, il-Kunsill Lokali kien gie avvicinat minn Boom Consultancy li min-naha taghha kienet ressqet lill-Kunsill Lokali proposta ta' progett li kien jaqa' fi hdan il-parametri tal-imsemmija skema. Wara diskussjoni libera, li matulha giet moqrija u diskussa l-applikazzjoni li kienet waslet, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi kemm il-darba jkun possibbli kellha tigi sottomessa l-proposta mressqa minn Boom Consultancy.

**6.14 Pjan ta' hidma**

6.14.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inzammet laqgha ta' konsultazzjoni mal-pubbliku b'konnessjoni mal-pjan ta' hidma ghall-perjodu 2019-2024. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, wara li l-Kunsill Lokali kien sema' r-rakkomandazzjonijiet u kummenti tar-residenti, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jahdem fuq l-ewwel abbozz ta' pjan ta' hidma, liema document kellu eventwalment jitressaq quddiem il-Kunsill Lokali ghad-diskussjoni.

**6.15 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

6.15.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-30 ta' Ottubru 2019 fis-6:00 p.m.

Konfermati, illum 30 t'Ottubru, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |